# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 15 ta' Settembru 2022**

Appell numru 243/2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Steven CAMENZULI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Novembru 2020 fil-konfront ta' Steven CAMENZULI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 545183M) li ġie mixli talli fid-9 ta' Jannar 2015 u fil-ħames snin ta' qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer:

   i. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispożizzjonijiet talr-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi

(GN 292/1939) kif sussegwentement emendati bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. U aktar talli sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat F. Depasquale nhar id-29 ta' Jannar 2013 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li qieset li ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tagħha illi CAMENZULI naqas milli jsegwi l-ħtiġijiet ta' Ordni tal-Probation mogħtija lilu minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Novembru 2016, ittrattat miegħu dwar ir-reat u l-addebitu tar-reċediva li tagħhom kien instab ħati permezz tal-istess sentenza u li dwarhom kien tqiegħed taħt l-Ordni ta' Probation imsemmija u filwaqt li kkonfermat il-ħtija, ikkundannatu għal piena ta' ħames xhur priġunerija effettiva.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant CAMENZULI appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati talli naqas milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation mogħtija lilu u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena skont il-Liġi u mingħajr preġudizzju u biss alternattivament, sabiex tirriforma s-sentenza appellata f'dik il-parti tal-piena u minflok tiġi mposta piena aktar ekwa u idonea għan-natura tal-imputazzjonijiet u dan wara li stqarr is-segwenti:

   i. Illi kemm -il darba tintuża din il-proċedura l-piena mgħandhiex tkun priġunerija effettiva sabiex b'hekk il-piena tkun waħda retributtiva u riformattiva;
   ii. Illi l-appellant kien jabbuża mid-droga fil-passat u għamel minn kollox sabiex indirizzaha u llum il-ġurnata wara diversi sforzi huwa jinsab ħieles mill-vizzju u riabilita' ruħu;
   iii. Illi lejn l-aħħar tal-proċeduri l-appellant għeleb il-vizzju misħut tad-droga kompletament u dan il-kambjament sar wara ħidma kbira u sforz ċar u determinat tal-appellant li kkombatta dan il-vizzju li kien il-kundanna tiegħu;
   iv. Illi tul il-proċeduri u konsegwentement l-Ordni ta' Probation li ilhom għaddejjin snin l-appellant falla milli jattendi għall-appuntamenti

mal-probational officer u dan lil hinn mir-rieda tiegħu, sforz l-impjieg tiegħu u impenji oħra ta' natura importanti ħafna fosthom seduti l-Qori u meta ma setax jattendi informa lill-probation officer tiegħu;

v. Illi l-appellant jirrileva li għamel ġudizzju ħażin li biex ma jurix lill-imgħallem tiegħu li għandu l-probation imposta fuqu beda ma jmurx għas-sessions tal-probation u jmur għax-xogħol xi ħaġa li għalkemm kien avżat mill-Qorti bil-konsegwenzi huwa mgħarafx il-gravita tas-sitwazzjoni;

vi. Illi l-appellant jirrileva li huwa ma setax jibda jieħu l-leave għaliex kien ser jispiċċa jitlef l-għixien tiegħu;

vii. Illi għalkemm l-appellant kellu l-problema tad-droga huwa sostna dan il-vizzju bix-xogħol u mhux b'atti kriminali kif sfortunatament iseħħ f'ħafna każijiet.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. L-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> (2) Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.

5. Din il-proċedura ta' denunzja tiskatta mal-mument illi d-denunzjat - ċjoe dik il-persuna li l-Qorti tal-Maġistrati tkun poġġiet taħt ordni ta' probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta - ikun naqas milli toqgħod mal-kundizzjonijiet imposti fl-ordni ta' probation u l-Uffiċjal tal-Probation li jkun qed isegwi l-andament tal-probationer jiddeċiedi li għandu jagħmel din id-denunzja. Il-Qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation tiffissa seduta għas-smiegħ tal-Uffiċjal tal-Probation u jekk tkun sodisfatta li jirriżulta li bl-imġieba tiegħu l-probationer ikun kiser il-kundizzjonijiet li kien marbut bihom, tagħżel illi :

(i) jew timponi multa ta' mhux iżjed inn Ewro 232.94 u tħalli l-ordni ta' probation fis-seħħ, bl-iskop li l-probationer jingħata opportunita' oħra xierqa li jkompli jiġi segwit fir-riabilitazzjoni tiegħu; jew inkella

(ii) tagħżel illi titratta miegħu fir-rigward ta' dak ir-reat li oriġinarjament tkun saret l-ordni ta' probation u b'dan il-mod

allura tinfliġġi dik il-piena – ħafna drabi karċerarja – li tkun tikkontempla l-Liġi għar-reat oriġinali u l-ordni ta' probation jiġi mħassar.

6. Din hija diskrezzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati għandha s-setgħa bil-Liġi li teżerċita. Jekk il-Qorti tkun għażlet li tieħu t-triq li titratta mal-probationer, dan ikun ifisser li dik il-Qorti tkun qieset li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u fuq is-saħħa ta' dak li jkun xehed l-Uffiċjal tal-Probation, il-ħati ma jkunx wera entużjażmu, impenn u determinazzjoni biex jimxi strettament mal-ordni tal-probation li tkun ġiet imposta fuqu. Meta l-Qorti tal-Maġistrati tagħżel li titratta mal-ħati, dan ikun ifisser li dik il-Qorti ma tkunx tista' iktar tikkonċedi opportunitajiet lil probationer li, bl-imġieba tiegħu stess u bil-provi tal-Uffiċjal tal-Probation ikun wera' biċ-ċar li huwa ma riedx japprofitta ruħu mill-opportunita' li joqgħod mal-ordni tal-probation li tkun ikkonċedietlu l-Ġustizzja.

7. Illi nhar it-28 ta' Novembru 2016 CAMENZULI ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixli b'akkużi b'rabta ma' reati dwar id-Droga wara li fid-9 ta' Jannar, 2015 kien instab fil-pussess ta' erba' pakketti b'madwar 0.2 grammi droga erojina f'kull pakkett. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2016 huwa rreġistra ammissjoni inkondizzjonata għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Meta huwa għamel hekk, awtomatikament huwa qiegħed lilu nnifsu għal kull piena li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet timponi fuqu. F'dak il-każ, dik il-Qorti setgħet trankwillament timponi fuqu sentenza ta' priġunerija skont dak li jgħidu l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament numru 9 tal-L.S. 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali.

8. Minflok, dik il-Qorti għaddiet sabiex tpoġġi lill-imputat appellant fuq ordni ta' probation għall-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza.

9. Biss, fit-28 ta' Lulju 2017, l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina ppreżentat denunzja fil-konfront ta' CAMENZULI in kwantu huwa kien qiegħed jonqos li jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-ordni tal-probation li tinsab esebita f'foljo 16 sa 17 tal-atti proċesswali.

10. Issa din il-Qorti trid tara jekk, fid-dawl tax-xiehda li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għad-deċiżjoni tagħha li tagħżel li titratta mal-probationer fis-sens tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi

primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, li setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati.

11. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell, tara biss jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

12. In definittiva, kif intqal fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Iġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

13. Mill-verbal tas-seduti f'fol 23 jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma qabditx u qatgħet id-denunzja mill-ewwel. Anzi, dik il-Qorti għażlet li tagħti iżjed opportunitajiet lill-appellant biex ikun jista' jiġi segwit mill-Uffiċjal tal-Probation. Dan bil-ħsieb li forsi l-appellant jagħraf jitħarrek u jibda jimxi mal-ordni tal-probation biex forsi jekk il-

Qorti tara xi ftit tal-isforz ġenwin minn naħa tiegħu tkun tista' tagħżel li ma titrattax miegħu; kif eventwalment spiċċat ġiet kostretta tagħmel.

14. Mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation fis-seduta appuntata għas-smiegħ tad-denunzja, jirriżulta kif minkejja li kien intagħżel programm ta' riabilitazzjoni CARITAS għall-imputat appellant, huwa qatt bdieh u wisq anqas żamm kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation. Il-Qorti ffissat tlett appuntamenti b'kollox sabiex tinstema' l-Uffiċjal tal-Probation fir-rigward ta' xi żviluppi tal-appellant fil-kors tal-proċess riabilittattiv tiegħu u l-aħħar seduta f'dan is-sens tħalliet għad-19 ta' Novembru 2018.

15. Fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018, il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation għall-aħħar darba. Minnha rriżulta ċar li l-appellant, għal raġuni jew għal oħra spiċċa biex minn sitt appuntamenti attenda biss għal tnejn; u dan apparti li kien immarka pożittiv għall-cannabis u heroina. Agħar minn hekk irriżulta wkoll li l-appellant ma kienx lest li jagħmel program. Għand il-CARITAS attenda biss darba waħda minn tliet darbiet li kellu jattendi għalihom.

16. Wara dawn l-opportunitajiet li ingħata l-appellant bejn Awissu 2017 u Novembru 2018, nhar id-19 ta' Novembru 2018 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddikjarat lid-denunzjat ħati tal-ksur tal-ordni ta' probation u kkundannatu għall-ammenda ta' Ewro 230 filwaqt li ħalliet in vigore l-ordni ta' probation li kienet ġiet imposta fuqu permezz tas-sentenza mogħtija minnha nhar it-28 ta' Novembru 2016.

17. **<u>Dan ifisser li wara l-ewwel darba li ġie ddenunzjat, il-Qorti tal-Maġistrati kkonċediet perjodu ta' iktar minn sena sabiex tkompli tistudja l-andament tal-probation, qabel ma tasal għad-deċiżjoni li kienet rikjesta minnha bil-Liġi taħt l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>**

18. Iżda l-istorja tal-appellant ma waqfitx hemm. Wara din l-ewwel denunzja, jirriżulta li segwiet denunzja oħra, datata 4 ta' Novembru 2019 fejn l-Uffiċjal tal-Probation informat lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li d-denunzjat CAMENZULI kien għadu jippersisti fl-użu tad-droga u ma riedx juri rieda li jindirizza din il-problema. Dik il-Qorti semgħet għal darb'oħra lill-Uffiċjal tal-Probation tikkonferma li l-appellant kien għadu bil-vizzju tad-droga u ma riedx jaf jaqta. Baqa' ma jattendix għall-appuntamenti li kienu jingħatawlu mill-Uffiċjal tal-

Probation u dejjem iġibilhom xi raġuni jew oħra. Iżda l-fatt jibqa' li huwa ma attendiex għall-appuntamenti li ingħatawlu u l-anqas għamel xi sforz kbir biex isegwi dawk l-appuntament l-oħrajn li ingħataw minflok dawk fejn suppost ma setgħax jattendi għalihom. Ma kellux motivazzjoni biex jattendi programmi ta' rijabilitazzjoni. Il-Qorti tal-Maġistrati reġgħet semgħet lill-Uffiċjal tal-Probation tixhed fis-26 ta' Frar 2020 fejn jirriżulta li l-istorja baqgħet l-istess: ma jattendix regolarment għall-appuntamenti, ikun pożittiv għad-droga, nuqqas ta' motivazzjoni biex jibdel ħajtu.

19. Kien għalhekk li fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Novembru 2020 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet li titratta mal-imputat appellant għar-reat ta' pussess sempliċi ta' erojina bi ksur tal-Artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema reat, ai termini tal-Artikolu 22(2)(b(ii) tal-istess, iġorr piena ta' minimu ta' tlett xhur priġunerija u ta' massimu ta' tnax-il xahar priġunerija jew/u multa ta' mhux iktar minn Ewro 465.87 u mhux iktar minn Ewro 2,329.37.

20. F'dan l-isfond ta' provi u fatti, kif ukoll skont kif svolġa dan il-każ, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment, wara li tat dawk l-opportunitajiet kollha lill-appellant, mhux biss wara l-ewwel denunzja, iżda wara t-tieni denunzja, tasal li tgħid "daqshekk!", u tagħżel li titratta mal-ħati skont il-Liġi.

21. Illi kwantu għall-piena li għażlet timponi, jirriżulta wkoll li l-piena ta' ħames xhur priġunerija lanqas ma hija waħda li tqarreb lejn il-massimu (aktar u aktar tenut kont tal-ammissjoni tal-appellant għar-reċediva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali (u mhux ukoll l-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu dan ma kienx jirriżulta). Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati lanqas ma applikat id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tiżdied il-piena oriġinali skont l-iskala relativa. Il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet korretta legalment fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tagħha tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

22. Irid jingħad ukoll li anki din il-Qorti, bħal Qorti tal-Maġistrati (Malta) qabilha, tat opportunita' oħra lill-appellant sabiex tqis l-andament tal-appellant fil-proċess ta' riabilitazzjoni tiegħu. U saħansitra anki laqgħet it-talba tad-Difiża tal-appellant sabiex din il-Qorti tikkunsidra tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Droga liema proċess sab ostakolu ai termini tal-Artikolu 8(2)(ċ) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta'

Malta skont ma rriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina fejn din issemmi li l-problema tad-droga tal-appellant kienet għadha tippersisti sew.

23. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellant fejn dan jargumenta li kien jimmerita temperament fil-piena għaliex huwa 'ikkombatta' l-vizzju tad-droga; liema vizzju tad-droga altru minn ikkombattut u skonfitt, kien għadu jittormenta lill-appellant ben sitt snin wara l-kommissjoni tar-reat ta' pussess ta' droga li għalih irreġistra ammissjoni.

24. F'dan l-istadju jrid jingħad ukoll li l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna hija wkoll kopjuża għal dak li jirrigwarda appelli minn piena meta l-appellant ikun irreġistra ammissjoni fil-proċeduri. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003:

> Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi**.[1] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

25. Huwa evidenti li f'dan l-istadju, idejn din il-Qorti huma kompletament marbutin. Anke din il-Qorti pruvat tagħmel dak li setgħet biex tara li l-appellant jipprova jifhem l-importanza li jaqta' mid-droga. Iżda evidentement ma jridx u b'hekk rabat idejn il-Qorti.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

---

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.